MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 22

17 ta' Ġunju 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 22 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 21 li saret fil-25 ta' Mejju 2009 ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Introduzzjoni ta' *Bye-Laws* dwar Kampijiet u Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol III)

2.1.2. Għal din il-parti tas-seduta attenda l-Avukat John Bonello li ressaq abbozz tal-*bye-laws* imsemmija, fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti. Kopja tagħhom ġiet mgħoddija lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta. Is-seduta ġiet sospiża sabiex Dr Bonello jispjega l-abbozz imressaq.

2.1.3. Dr Bonello spjega li ngħatat attenzjoni sabiex il-*bye-laws* ma jiddupplikawx il-provedimenti li hemm fil-*Litter Act* jew li jiġu f'konflitt magħhom. Huwa qal li l-*bye-laws* jistablixxu tliet żoni ġewwa l-Aħrax għall-*barbecues* u l-ikkampjar, kif ukoll ħames *areas* għal *barbecues* biss imqassma matul il-Bajja ta' l-Għadira. L-abbozz jipprovdi wkoll li l-Kunsill jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, joħroġ permessi għall-*barbecues*, ikkampjar u *caravans* f'postijiet oħra. Dr Bonello spjega wkoll li bis-saħħa ta' l-Artiklu 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ġie impost ħlas sabiex jinħarġu dawn it-tip ta' permessi.

2.1.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li mhux umanament possibbli li jinħarġu permessi għal kull *barbecue* li jsir fil-lokalità u għalhekk jeħtieġ jiġi stabbilit liema jeħtieġu permess u liema le. Is-Sur C. Debono kkummenta li *barbecues* kbar għandhom ikun koperti bil-permess sabiex il-Kunsill ikun konxju tagħhom u kemm-il darba jkun hemm ħtieġa jkun jista' jsir kuntatt ma' l-organizzaturi.

2.1.5. Diversi kunsillieri esprimew ir-riżervi tagħhom fis-sens li jista' jinħarġu permessi għall-*barbecues* kbar f'xi waħda mill-*areas* li ġew indikati fl-Għadira, u jirriżulta li dawn ikunu diġa mtlew b'diversi gruppi żgħar oħra li ma jkunux jirrikjedu permess mill-Kunsill. Intqal li b'dan il-mod faċilment jista' jinqalgħa diżgwid.

2.1.6. Saret proposta sabiex l-*bye-laws* jiġu applikati wkoll f'bajjiet oħra mfittxija, bħalma huma l-Armier u r-Ramla tal-Mixquqa. L-opinjoni ġenerali tal-Kunsill kienet, li f'dak li jirrigwarda l-*barbecues* fil-bajjiet, l-Għadira għandha tkun proġett pilota, sabiex kemm-il darba jirnexxi, ikun jista' jiġi ntrodott f'postijiet oħra billi jsiru emendi fil-*bye-laws*.

2.1.7. Fit-tkomplija tas-seduta, il-Kunsill iddeċieda unanimament li:

- Jalloka żewġ *areas* għall-*barbecues* fil-Bajja ta' l-Għadira, fuq iż-żewġ naħat tal-konċessjoni tal-Mellieħa Holiday Centre;
- Jitwaħħlu tabelli li jindikaw il-postijiet fejn huma permessi il-*barbecues* u l-ikkampjar fl-Għadira;
- Fil-bajjiet l-oħra kollha jibqa' permessibbli li jsiru *barbecues*;
- Il-Kunsill jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jagħti permess 'il barra mill-postijiet indikati għall-*barbecues*, ikkampjar u tqegħid ta' *caravans*;
- *Barbecues* żgħar taħt 15-il persuna ma jirrikjedux permess mill-Kunsill;
- Jitħallas dritt ta' €20 għal kull jum li matulu jkun ser jitqiegħed kamp jew *caravan* jew isir *barbecue* li jinvolvu 'il fuq minn 15-il persuna, iżda inqas minn ħamsin. Fil-każ li tali attivitajiet jinvolvu minn ħamsin persuna 'il fuq, id-dritt li jrid jitħallas ikun ta' €40;

2.1.8. Fl-aħħar tad-diskussjoni, ġie deċiż ukoll li għandhom jsiru avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-ġurnali fejn titħabbar l-intenzjoni tal-Kunsill li jintroduċi l-*bye-laws*, kif ukoll li l-pubbliku jista' jara l-abbozz fl-uffiċċju ta' l-istess Kunsill, skond kif stabbilit fl-Artiklu 35 ta' l-Att XV ta' l-1993 (Kap. 363)

### 2.2.1. Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali (2007-2013):

- **Miżura 313: Titjib fil-kwalità ta' ħajja f'inħawi rurali u diversifikazzjoni ta' l-Ekonomija Rurali; u**
- **Miżura 323: Konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt rurali. (P/10/3).**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-munuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li permezz ta' żewġ ittri datata 4 ta' Ġunju 2009, l-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent u l-Affarijiet, għarrfet lill-Kunsill illi skond ir-regolamenti mhux possibbli li jintefgħu żewġ applikazzjonijiet taħt il-Miżura 313 u 323 f'daqqa fuq l-istess proġett. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li għaldaqstant jidher li l-erba' applikazzjonijiet illi saru ser jiġu ntegrati fi tnejn – waħda għall-*heritage trail* ta' Selmun u oħra għal dak tal-Manikata. Huwa għarraf ukoll li l-istess aġenzija talbet laqgħa miegħu sabiex jingħata aktar tagħrif fuq id-dokumenti li ġew sottomessi. Din ser issir fit-18 ta' Ġunju 2009.

2.2.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm.

### 2.3.1. Festival Sportiv (S/4/2/Vol II)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 4.4.3. tas-seduta preċedenti, fejn is-Sindku għarraf li ser ikun hemm laqgħa mal-kumitat tal-Mellieħa Sports Club dwar l-organizzazzjoni tal-Festival Sportivi, liema avveniment ser jibbenefika minn għotja li kkwalifika għaliha l-Kunsill taħt l-Iskema dwar Inizjattivi Sportivi. Il-laqgħa ser issir fit-18 ta' Ġunju 2009.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Premju EDEN - *European Destination of Excellence 2009* (T/12/Vol II

2.4.3. Saret referenza għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti, fejn is-Sindku għarraf li huwa għamel serjè ta' kuntatti sabiex il-Mellieħa tingħata aktar pubbliċità bis-saħħa tal-premju msemmi. Bħala riżultat ta' dan, il-Ministeru tat-Turiżmu ser jipproduċi filmat tal-lokalità fejn isir aċċenn fuq il-premju EDEN, sabiex ikun jista' jintwera fir-reklamar li jsir barra minn Malta. L-Air Malta u l-Virtu Ferries wkoll ser jinkludi artiklu fuq l-istess suġġett fil-magazin li jitpoġġa għad-disposizzjoni tal-passiġġieri li jivjaġġaw bil-mezzi rispettivi tagħhom.

2.4.4. Is-Sur R. Cutajar ippropona li jitwaħħlu tabelli fit-toroq illi jwasslu għal lokalità, fejn jintwera l-*logo* tal-premju bi spjegazzjoni tas-sinifikat tiegħu.

2.4.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ssuġġerixxa li jsiru *stickers* għall-istess għan.

2.4.6. Il-Kunsill innota l-kuntatti illi saru, filwaqt li approva t-twaħħil tat-tabelli proposti.

### 2.5.1. Tħejjijiet għal Avventura Sajf 2009 (E/3/4/Vol VIII)

2.5.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi saret laqgħa mal-kordinatriċi ta' Avventura Sajf, kif ukoll ma' l-istudenti universitarji u l-voluntieri kollha nvoluti bil-għan li jiġu nfurmati dwar kif ser jitmexxa dan il-proġett. Il-Kunsill ġie mgħarraf li sad-data tas-seduta kienu applikaw madwar sittin tifel u tifla sabiex jattendu.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Attività "L-Ibliet Lejn il-Majjistral" (A/5/5/Vol IV)**

2.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta illi għall-attività, li kienet mifruxa fuq jumejn – id-29 u t-30 ta' Mejju 2009 - kien hemm attendenza tajba ħafna, b'mod partikulari nhar il-Ħadd 30 ta' Mejju. Kien hemm ukoll kummenti tajbin dwar il-kummerċ li ġie ġġenerat permezz tagħha.

2.6.3. Il-Kunsill talab li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-Kunsilli Lokali ta' l-Imdina, Valletta, Birgu u Victoria.

2.7.1. ***Play Equipment* fi Ġnien il-Qigħan (P/2)**

2.7.2. Saret referenza għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li nbidlu tnejn mill-erba' bandli tal-kbar u saru minflokom *cradle seats* għat-tfal iż-żgħar, filwaqt li ġiet introdotta *spring rider*. Sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq is-*sea saw*.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 22/05/09 - 09/06/09
- *Purchase Request Form* – 09/06/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Abbozz ta' *bye-laws* ta' l-2009 dwar Attivtajiet fil-Beraħ fil-Lokalità tal-Mellieħa
- Minuti – Kumitat Konġunt Tramuntana – 13/04/09
- Rapport Finanzjarju – Jannar / Marzu 2009
- Rapport – Kumitat ta' l-Għażla – Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 – 09/06/09
- Minuti – Kumitat Konġunt Tramuntana – 11/05/09

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. *Pedestrian Crossing* fi Triq Vincenzo Ciappara (T/3/2/Vol X)**

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 28 ta' Mejju 2009, mibgħut mill-Kap ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa sabiex issir *pedestrian crossing* fi Triq Vincenzo Ciappara, bejn Triq Qasam Barrani u Triq N. Caruana Dingli, billi t-tfal li jattendu l-istess skola qed jużaw il-*Ground* f'Ta' Pennellu.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li *pedestrian crossing* fil-post imsemmi tista` tkun perikoluża, peress li tinsab qrib wisq Triq Qasam Barrani, minn fejn jistgħu jduru vetturi u jsibu *pedestrians* qed jaqsmu. Minkejja dan, kien hemm qbil li għandu jinkiseb il-parir tal-Unit għall-Maniġġ tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport.

**4.2.1. PA 1956/09 – *Caravan Site* f'Tal-Prajjet (P/5/8/P)**

4.2.2. Saret referenza għall-applikazzjoni *(outline)* imsemmija lill-MEPA, mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex tiġi żviluppata *caravan site* fl-inħawi Tal-Prajjet. Il-Kunsill ġie mfakkar li tliet snin qabel kienet saret applikazzjoni oħra – PA 6361/06 - biex isir *water park* u *caravan site* fl-istess post li tkun tista' takkomoda 126 *caravan*.

4.2.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li *caravan site* għandha ssir fuq art li diġa hija disturbata, bħalma huma l-artijiet li hemm f'Daħlet ix-Xmajjar ġewwa l-Aħrax. Huwa qal li fi kwalunkwè każ għandu jsir *Environment Impact Assessment*, peress li l-inħawi huma qrib l-irdumijiet protetti ta' mal-kosta.

4.2.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li l-art indikata f'Tal-Prajjet tifforma parti mill-Park tal-Majjistral. Huwa qal ukoll li teżisti struttura tat-Tieni Gwerra Dinjija minbarra il-*pill box* li llum tifforma parti mill-kumpless ta' Popeye Village.

4.2.5. Is-Sindku R. Cutajar qal li *caravan site* hija compatibbli mal-Park tal-Majjistral, kif ukoll għandu jiġi verifikat jekk l-art hijiex indikata fil-Pjan Lokali tal-Majjistral bħala post fejn jista' isir żvilupp ta' din ix-xorta.

4.2.6. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li għandu jkun hemm *caravan site* oħra fil-lokalità.

## 4.3.1. *Lifelong Learning Programme Leonardo Da Vinci* ta' l-Unjoni Ewropea (P/10/2)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 4 ta' Ġunju 2009, mibgħuta mill-European Union Programmes Agency (EUPA) fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Il-Kunsill kien ġie mfakkar li kienet saret talba għall-fondi mill-Unjoni Ewropea permezz tal-programme Leonardo da Vinci Lifelong Learning Programme 2009 sabiex ikun jista' jitwettaq il-proġett *"Creativity and Innovation for a Sustainable Mellieha Business Community".* It-talba ma ġietx milqugħa peress li l-proġett ma laħaqx il-*Quality Benchmark* ta' 50.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' Ġunju 2009.

5.3. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandhom jinħarġu l-*purchase orders* li fadal jintbagħtu.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-22 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2009.

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut ta' l-iskeda u approva l-pagamenti elenkati fiha.

## 7.1. Tħejjijiet għall-attività "*The Environment Through Art – An Event of Artistic Expression*" (P/10/2)

7.2. Is-Sur R. Cutajar fakkar li fil-11 ta' Ġunju 2009 saret konferenza stampa sabiex titħabba l-attività li ser isseħħ nhar is-Sibt 20 ta' Ġunju 2009 fi Ġnien il-Qigħan. Huwa kompla billi ppropona li fl-istess post ikunu għaddejjin tliet attivitajiet f'daqqa. Dawn ikunu jikkonsistu fi spettakklu ta' żfin fl-amfiteatru mtellgħa minn Pauline Dance Studju u żgħażagħ studenti ta' l-MCAST li ser ikun qed jagħmlu xogħlijiet ta' arti fi Ġnien il-Qigħan. Ġie propost ukoll li tingħalaq Triq Qasam Barrani sabiex jintrama palk fejn ikun hemm kant minn studenti ta' Andreana Jordanova, żfin, flimkien ma' għana mill-Grupp Simar. Fl-istess triq ser ikun hemm għall-wiri vettura *hybrid* li taħdem b'makna normali u bil-batterija. Ġew mistiedna jattendu wkoll fornituri ta' prodotti li jagħmlu użu minn enerġija mix-xemx, kif ukoll lampi *energy saving*. Ser ikun hemm *stand* imtellgħa mill-Wasteserv Malta Ltd, filwaqt li qed isiru sforzi biex ikun ieħor mill-Environment Landscapes Consortium Ltd.

7.3. Il-Kunsill approva l-*items* proposti mis-Sindku.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

8.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fl-edizzjoni ta' din is-sena diġa ntwera nteress li jappartecipaw l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, il-Mellieħa Stage Friends, il-Historical Military and Maritime Society, l-Għaqda Mużikali Imperial, Società Filarmonica La Vittoria, iċ-Ċentru Laburista u l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista. Bil-għan li l-attivitajiet ma jibqgħux ikkonċentrati f'Misraħ il-Parroċċa, is-Sindku ppropona li l-edizzjoni ta' din is-sena tkun tikkonsisti mill-purċissjoni tal-bandu, li titlaq minn fejn iċ-Ċentru Laburista, tinżel Triq Ġorġ Borg Olivier u tintemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, fejn ikun hemm diversi *stands* imtellgħa mill-għaqdiet imsemmija, kif ukoll items folkloristiċi li jinkludu l-ħuġġieġa.

8.3. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

**9.1. Impieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol VIII)**

9.2. Saret referenza għar-rapport datat 9 ta' Ġunju 2009 li tħejja mill-Bord ta' l-Għażla dwar intervisti li saru lill-persuni li ġew indikati, mill-Ewwel Parti tar-Reġistru, miżmum mill-Korporazzjoni għall-Impiegi u Taħrig. Dan jinkludi persuni li qed jirreġistraw bħala qegħda.

9.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għar-rapport u kkummenta li meta wieħed jara l-punteġġi mogħtija mill-erba' membri ndividwali tal-Bord tal-Għażla, jidher li hemm varjazzjonijiet sostanzjali bejniethom, minkejja li jidher li hemm ċerta konsistenza fir-rigward tal-kandidat Nru. 7.

9.4. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna wkoll għar-rapport u stqarr li huwa ma jaqbilx li l-kandidati Nri. 3 u 11 għandhom jiġu eliminati minħabba li l-kwalifiki li jippossjedu jmorru lill'hinn minn dawk meħtieġa biex jitwettqu d-dmirijiet marbuta ma' skrivan fi Skala 15. Huwa qal li kemm-il darba dawn jiġu mpjegati, ċertament li jogħla l-livell tas-segretarjat tal-Kunsill. Is-Sur Bartolo rrefera wkoll għall-varjazzjonijiet fil-punteġġi mogħtija mill-membri tal-Bord.

9.5. Is-Sindku wieġeb li l-punteġġi ngħataw b'mod individwali minn kull membru tal-Bord, wara li saru l-istess sett ta' mistoqsijiet lil kull kandidat. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li bħalma jiġri dejjem, it-tweġibijiet li ngħataw ma jolqtux lil kull membru l-istess u għalhekk ikun hemm varjazzjoni fil-punteġġ mogħti minn wieħed u ieħor.

9.6. Xi kunsillieri li ma kienux jiffurmaw parti mill-Bord ta' l-Għażla talbu li jaraw il-*curriculum vitae* tal-kandidati Nri. 3, 7 u 11.

9.7. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-*curriculum vitae* tal-kandidat Nru. 3, fejn jidher li bidlet diversi xogħlijiet. Huwa kkummenta li dan għamlitu meta hija kienet għadha qed tistudja.

9.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li l-kandidat Nru. 7 kitbet fil-*curriculum vitae* tagħha li ħadmet f'uffiċċju ta' kunsill lokali partikulari. Huwa kkummenta li dan għamlitu għal perjodu qasir, fuq bażi *part-time*. L-aħħar impjieġ li ndikat l-istess kandidat kien mad-ditta fejn ir-raġel tagħha għandu nteress, filwaqt li bdiet tirreġistra għax-xogħol ftit jiem qabel is-sejħa li għamel il-Kunsill lill-Korporazzjoni għall-Impieġi u Taħriġ. Huwa talab ukoll li r-rapport tal-Bord għandu jiġi emendat, fis-sens li l-għażla finali kellha ssir waqt seduta tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li l-kwalifiki għolji u l-liċenżja tas-sewqan ma ġewx trattati mill-Bord. Dwar it-test prattiku propost mill-Bord ta' l-Għażla, huwa qal li dan għandu jsir lit-tliet kandidati ndikati. Is-Sur J. Buttigieg għalhekk talab li l-paragrafu ta' qabel l-aħħar tar-rapport għandu jitħalla barra.

9.9. Is-Segretarju qal li *prima facie* wieħed jista' jirraġuna li jekk jiġu mpjegati persuni bi kwalifiki għoljin, jogħla l-livell tas-Segretarjat. L-esperjenza wriet li fir-realtà ma jigrix hekk meta jitqies li s-salarju ta' skrivan fi Skala 15 huwa €10,925 x 298.17 = €12,714 (Lm4,690.10 X 128 = Lm5,458.12). Intqal ukoll li l-aħħar darba li ġie impjegat bi grad universitarju, irreżenja wara tmien xhur. Minkejja li sar sforz biex huwa jiġi mħarreġ fix-xogħol ta' l-uffiċċju u ntbagħat kors fl-użu tal-programm Sage ta' l-*accounts*, ftit li xejn wera motivazzjoni, tant li meta ġietu l-opportunità rriżenja biex impjega ruħu x'imkien ieħor b'paga għola.

9.10. Il-Kunsillier H. Fenech ikkummenta li mhux jifhem ir-raġuni għaliex qed isir emfasi fuq l-impieġ ta' persuna bi kwalifiki għoljin meta attwalment il-Kunsill għandu persuna li ma tissodisfax il-kriterji stabblibili fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

9.11. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li qatt ma ġew impjegati li ma jissudisfawx ir-regolamenti msemmija. Huwa fakkar li l-Kunsill qed jottjeni s-servizzi ta' żewġ skrivani wara li saret sejħa għall-offerti u għalhekk l-għażla tagħhom ma kinitx soġġetta għar-regolament 3 (b) (i), iżda fuq kriterji ffissati fid-dokument ta' l-offerta dakinhar.

9.12. Is-Sindku qal li l-fattur tal-liċenża tas-sewqan ġie trattat b'mod dirett għaliex dan ikollu effett fuq l-flessibilità ta' l-impjegat, fis-sens li spiss ikun jeħtieġ li dawn joħorġu mill-uffiċċju għal diversi raġunijiet. L-argument li l-kandidat Nru. 7 kienet impjegata ma' ditta li żewġha għandu nteress fiha, u li kien ilħa ftit jiem tirreġistra qabel saret is-sejħa mill-Kunsill, assolutament ma jreġġux. Huwa qal li ma jsib ebda problema li t-test fil-paragrafu ta' qabel

l-aħħar fir-rapport tal-Bord jitneħħa, sakemm jidħol parti mill-minuti ta' din is-seduta. Is-Sur R. Cutajar qal li r-rakkomandazzjoni li tiġi mpjegata l-kandidat Nru. 7 saret fid-dawl li ġabet l-għola punteġġ. Kien għal din ir-raġuni li t-test prattiku għandu jsir lilha biss.

9.13. Wara aktar diskussjoni fuq il-punti t'hawn fuq, intlaħaq qbil li għandu jiġi ppreparat abbozz tar-rapport tal-Bord ta' l-Għażla, fis-sens ix-*shortlisting* sar fuq tliet kandidati, li għandu jsirilhom test prattiku fl-użu tal-kompjuter u fil-kitba.

9.14. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li fl-għażla li ssir, l-intervista għandha tingħata 70%, filwaqt li t-test prattiku jkollu 30% tal-punteġġ ġlobali.

## 10.1. Sejħa għall-offerti Nru. 1/2009 – Żvilupp ta' Post ta' Rikrejazzjoni fil-wesgħa bejn Triq il-Miġbħa, Triq l-Għasel u Triq ix-Xehda. (P/4/23)

10.2. Saret referenza għas-sejħa msemmija ħawn fuq, li dwarha ntalab il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti billi tnejn mit-tliet offerenti kkwotaw prezzijiet għall-prodotti differenti minn dawk li ngħataw oriġinarjament. Dan minkejja li t-tliet offerenti ntalbu bil-kitba sabiex jagħtu aktar dettalji dwar il-prodotti kkwotati fl-offerti rispettivi.

10.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li permezz ta' ittra datata 3 ta' Ġunju 2009, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti kkummenta hekk:

- Li kuntratt għandu jingħata biss, kemm-il darba l-offerent jkun osserva l-kundizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerti li jkunu ġew ippubblikati minn qabel. Għaldaqstant l-*Adjudication Board* u l-Kunsill għandhom jaraw li l-istruzzjonijiet mogħtija minn qabel lill-offerenti jkunu ġew segwiti;
- Kjarifiki li jintalbu lill-offerenti wara d-data ta' l-għeluq għandhom għandhom jittrataw dak li jkun ġie kkwotat oriġinarjament. Għaldaqstant mhux aċċettabbli li jingħataw kjarifiki li jinvolvu tagħrif addizzjonali, li kien mitlub fid-dokument ta' offerta jew biex jingħataw soluzzjonijiet alternattivi;
- F'każ li dawn il-proċeduri ma ġewx osservati, għandha ssir sejħa ġdida għall-offerti.

10.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jaddotta l-parir mogħti mid-Dipartiment tal-Kuntratti u għalhekk it-tliet offerenti nvoluti jiġu nfurmati b'din id-deċiżjoni.

10.5. Kien hemm qbil li l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fid-dokument ta' l-offerta l-ġdid m'għandux jinkludi faċilitajiet għall-i*skateboarding*, filwaqt li għandhom jingħataw aktar dettalji dwar l-għamara meħtieġa, bil-għan illi tonqos il-possibiltà li jiġu sottomessi diversi għażliet ta' prodotti li jeżistu fis-suq, fuq offerta waħda.

## 11.1. Titjib ta' faċilitajiet fis-Sala tal-Komunità fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa. (S/3/7/Vol III)

11.2. Dan is-suġġett tħalla għas-seduta li jmiss peress li kien sar il-ħin.

## 12.1. Rapport Finanzjarju – Jannar / Marzu 2009 (F/1/1/Vol II)

12.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont finanzjarju li ġie mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta. Huwa spjega li l-uniku **dħul mill-Gvern Ċentrali** matul it-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport baqgħet l-Allokazzjoni Annwali.

12.3. It-total ta' dħul minn **Servizzi Komunitarji** kompla nieżel, mqabbel mat-tliet xhur preċedenti - minn €5,717 għal € 2,919. Dawn kienu jikkonsistu fil-ħlas dovut fuq il-ħruġ ta' permessi għat-tqegħid ta' skips (€ 172); bejgħ ta` kotba (€ 775); permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fit-toroq; attivitajiet f'postijiet pubbliċi (€ 1,527); u permessi għal xogħlijiet fit-toroq (€ 445). It-tnaqqis kien dovut minħabba ammont inqas ta' permessi li jinħarġu mqabbel max-xhur tas-sajf.

12.4. Id-dħul ta' natura **Ġenerali** kien ġej mill-ħruġ ta' permessi għal Reklamar fuq l-Għamara tat-Toroq (€ 388), Ħruġ ta' Dokumenti (€ 213) u somma li ġiet mgħoddija wara applikazzjoni li saret permezz tal-Youth Initiative Programme ta' l-Unjoni Ewropea, sabiex jitwettaq proġett li msejjaħ *"The Environment Through Art – An Event of Artistic Expression"*. Is-somma totali li ġiet allokata hija € 6,000.

12.5. Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm **Kontribuzzjonijiet** illi kienu jikkonsistu f'għotjiet b'riżq l-attivitajiet Milied Mellieħi 2009 li kienu jammontaw għal € 1,540.

12.6. Fl-istess perjodu, l-MEPA għaddiet somma ta' € 72,384 mill-**Fond għall-Titjib Urban** in konnessjoni ma' l-iżvilupp ta' post ta' rikrejazzjoni fi Triq il-Miġbħa, Għasel u Xehda. Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sports għadda wkoll somma ta' €1,000 bħala kontribuzzjoni għall-pubblikazzjoni tal-ktieb "Il-Mellieħa – Dati Storiċi" bħala parti mill-Ħannieqa Kotba Melleħin.

12.7. In-nefqa fuq **is-Salarji**, għat-tliet xhur koperti bir-rapport qabżet l-estimi b'€ 1,765, iżda meta tittieħed fuq medda ta' tnax-il xahar, irriżulta li din kienet inqas b'€ 659. Fl-ebda żmien ma tħallset sahra lill-impjegati.

12.8. Ġie spjegat li minkejja li fit-tliet xhur preċedenti, in-nefqa fuq il-**Manutenzjoni tat-Toroq**, qabżet il-vot allokat b' € 1,082, bejn Jannar u Marzu 2009 din kienet inqas mill-estimi b'€9,267. Fuq medda ta' tnax-il xahar, in-nefqa kienet wkoll inqas b'€ 56,697. Dan kien ikkawżat primarjament minħabba li l-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet kienu mpenjati f'lokalitajiet oħra fuq proġetti tal-Gvern Ċentrali. Ix-xogħol li sar fit-toroq kien jikkonsisti priċipalment fit-tindif tal-*culverts* (€524), *patching* ta' toroq (€ 7,981), bankini (€ 4,363), xogħol ta' tisbieħ (€ 1,439), u xogħlijiet oħra (€ 726).

12.9. L-infieq fuq it-**Tagħrif lill-Pubbliku** baqa' sostanzjalment inqas mill-estimi, minkejja li fl-istess perjodu ġiet imnedija il-Ħannieqa Kotba Melleħin bil-pubblikazzjoni tal-ktieb "Il-Mellieħa – Dati Storiċi" li b'kollox ġie jiswa € 2,131. Kif intqal fin-nota (4) aktar 'il fuq, il-Kunsill kien appoġġjat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sports bl-għoti ta' € 1,000. Fl-istess perjodu, il-magazin "Mill-Qiegħa" baqa' jiġi ppubblikat flimkien mas-suppliment indirizzat lit-tfal.

12.10. In-nefqa marbuta ma' uħud mis-**Servizzi Kuntrattwali** kienet kważi preċiża skond l-estimi. Dan meta ġew esklużi s-servizzi mogħtija fix-xhur qabel bdiet is-sena finanzjarja, qabel April 2008, kif ukoll ittieħdu in konsiderazzjoni spejjeż li kienu għadhom ma' daħlux fil-kotba sa l-aħħar ta' Marzu 2009 (*accruals*).

12.11. L-ispejjeż fuq Servizzi Professjonali qabżu sostanzjalment l-estimi minħabba nfiq li ma kienx previst. Bejn Jannar u Marzu 2009, kien hemm infieq fuq it-tħejjija ta' surveys topografiċi b'rabta ma' proġetti kapitali u skemi tat-traffiku ġodda. Infieq ieħor li ma' kienx previst kien it-tfassil ta' sitt elettroniku ġdid tal-Kunsill; it-tħejjija ta' rapport dwar it-tmexxija ta' art pubblika fl-inħawi ta' l-Aħrax mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin (€500); kif ukoll ma' spejjeż legali relatati mal-ftuħ ta' kawża fil-Qorti rigward Triq Toni Pace (€1,195). Fuq tnax-il xahar, l-ispiża qabżet l-estimi € 4,216.

12.12. F'dak li jirrigwarda l-**Ospitalità u Servizzi lill-Komunità**, l-infieq kien ferm għola mill-*budget*, peress li l-kunsill għamel aċċenn qawwi fuq l-organizzazzjoni ta' Attivitajiet Kulturali, liema attivitajiet ma kienux previsti fl-estimi għas-sena finanzjarja 2008/2009. Il-kunsill qed jara li jilqgħa din in-nefqa, billi jħajjar entitajiet kummerċjali u sorsi governattivi sabiex jikkontribwixxu għal dan il-għan. L-attivita` ewlenija li seħħet bejn Jannar u Marzu 2009 kienet dik ta' Jum il-Kunsill. Il-ħlasijiet li saru fuq attivitajiet kulturali f'dan il-perjodu kienu mqassma hekk: Iljieli Melleħin - € 120; Milied Mellieħi - € 12,130; Jum il-Kunsill - € 5,953, Tiżjin ta' Triq il-Parroċċa bid-dwal fil-Milied - € 1,048; Spejjeż Oħra - € 1,215. Filwaqt li matul sena n-nefqa fuq l-Ospitalità u Servizzi lill-Komunità leħqet €63,237, il-Kunsill irnexxielu jikseb *sponsorships* għall-attivitajiet li organizza illi jammontaw għal €19,287. Meta titqies l-għotja approvata ta' €4,500 permezz ta' l-Iskema li nieda l-Gvern b'riżq attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsilli Lokali.

12.13. L-infieq fuq ir-**Resurfacing ta' Toroq** kien marbut max-xogħlijiet li saru fi Triq il-Kbira, tul il-parti li tinsab bejn Triq in-Nases u Misraħ tas-Salib, liema xogħol tlesta f'Marzu 2009. F'April tkompla x-xogħol fuq it-tieni fażi li tinvolvi Triq il-Kbira, bejn Misraħ tas-Salib sa Triq in-Naħal.

12.14. Il-Proġett ta' **Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II** baqa' ma bediex ix-xogħol fuqu minħabba li kien għadu mhux magħruf l-eżitù ta' l-appell li sar minn terza persuna kontra l-ħruġ tal-permess mill-MEPA.

12.15. Fir-rigward tal-ħolqien ta' Post ta' Rikrejazzjoni fil-wesgħa **bejn Triq il-Miġbħa, Għasel u Xehda**, kien hemm sejħiet għall-offerti sabiex tiġi mplimentata t-tieni fażi tiegħu, liema offerti kienu għadhom fi stadju ta' aġġudikazzjoni.

12.16. It-**Titjib ta' Faċilitajiet Sportivi** li sar kien jinvolvu l-Ground f'Ta' Pennellu li ġie inawgurat mill-ġdid fi Frar 2009 bil-*floodlights* u art bit-*turf* sintetiku. L-infieq li sar kien jikkonsisti primarjament fil-bini ta' ħajt li jiġi biswit Triq Vincenzo Ciappara, kif ukoll ix-xiri ta' *buffers* li twaħħlu ma' l-arbli tal-floodlights għas-sigurtà ta' min ikun qed jilgħab fl-istess ground.

12.17. Il-Kunsill approva r-Rendikont imressaq u talab lis-Segretarju jgħaddih lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

## 13.1. Premju Sportiv Mellieħi tas-Sena 2009 (S/4/4)

13.2. Is-Sindku għarraf li l-edizzjoni tal-Premju Sportiv Mellieħi tas-Sena 2009 ser issir fi Ġnien il-Qigħan nhar is-Sibt 25 ta' Lulju 2009. Huwa qal ukoll li diġa ntbagħtu ittri lill-għaqdiet tal-lokalità sabiex iressqu n-nomini tagħhom.

13.3. Il-Kunsill innota u approva t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Infurzar tal-*bye-laws* dwar il-*barbecues* (B/5/Vol III)

14.2. Is-Sindku ppropona li biex ikun hemm infurzar regolari fil-bajjiet jista' jsir użu mill-ħaddiema ta' l-Industrial Projects and Services Ltd (IPSL). Dan sabiex jissupplimenta s-servizz li ser ikun qed jirrendi s-Segretarjat Parlamentari tat-Turiżmu, bejn il-5.00am u s-6.00pm fil-bajjiet l-aktar imfittxija fil-lokalità. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-Kunsill jista' jagħmel tajjeb għas-servizz meħtieġ bejn is-6.00pm u nofs il-lejl. Huwa kompla jgħid, li skond stima mgħoddija mill-IPSL, l-ispiża għal Lulju u Awissu 2009 tammonta għal €7,731.40, li tkopri l-ħlas ta' żewġ ħaddiema u t-trasport.

14.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li fl-Estimi 2009/10 m'hemmx provdut għal din in-nefqa u għalhekk jeħtieġ li jittieħdu fondi minn xi vot ieħor, jew wieħed jistenna l-eżitù tat-talba li saret lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali taħt l-iskema dwar Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali, li parti minnha kienet proprju tinvolvi l-infurzar ta' liġijiet f'postijiet ta' rikrejazzjoni.

14.4. Billi l-infurzar ta' liġijiet ta' din ix-xorta ser isir għall-ewwel darba, ġew espressi dubji dwar kif ser jiġu amministrati l-multi u l-kontestazzjonijiet ta' l-avvizi tal-kontravvenzjonijiet li jinħarġu. Kien hemm qbil li għandu jiġi ċċarat jekk dan it-tip ta' infurzar huwiex ser jiġi ntegrat fil-*Law Enforcement System* amministrata mill-Kumitat Konġunt Tramuntana, kif isir mill-avviżi ta' kontravvenzjonijiet li jinħarġu mill-Gwardjani Lokali, il-Pulizija, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u l-MEPA.

14.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li qabel jibda jsir l-infurzar propost għandhom jinstabu s-sorsi tal-finanzjament meħtieg, kif ukoll il-mekkaniżmu li ser jintuża biex jinġabru l-multi.

## 15.1. Quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier (A/5/3/Vol VIII)

15.2. Is-Sindku ppropona li ssir Quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju 2009 fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena.

15.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex isseħħ din l-attività.

## 16.1. Qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq Toni Pace (T/4/13/Vol VIII)

16.2. Saret referenza għall-kawża James Gouder et kontra l-Kunsill Lokali Mellieħa u Central Asphalt Ltd rigward is-suġġett t'hawn fuq. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fid-9 ta' Lulju 2009 fit-3.30pm, ser isir aċċess fi Triq Toni Pace mill-perit maħtur mill-Qorti, liema perit intgħażel bil-kunsens tal-partijiet.

16.3. Ittieħħdet nota sabiex jiġu notifikati l-partijiet kollha konċernati għan-naħa tal-Kunsill.

## 17.1. Kumitat Konġunt dwar l-Installazzjoni u Manutenzjoni ta` Dwal fit-Toroq (E/1/2/Vol IV)

17.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr saret proposta sabiex il-funzjoni tal-Kumitat Konġunt tibda tiġi assorbita minn dak responsabbli mill-Ordni Pubbliku, sabiex isir użu mir-riżorsi eżistenti.

17.3. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta fid-dawl tar-riforma tal-Kunsilli Lokali li tinvolvi l-ħolqien ta’ Kumitati Reġjonali biex jiġu delegati r-responsabilitajiet li jkunu aktar vijabbli jekk jitwettqu fuq bażi reġjonali.

17.4. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsillier E. Bartolo għandu wkoll jirrappreżenta lill-Mellieħa fuq materji li jirrigwardaw id-dwal tat-toroq. Is-Sindku R. Cutajar għandu jibqa’ il-membru sostitut.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 6 ta’ Lulju 2009, fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |